# Sena rekord għall-frieħ tal-Garnija maqbudin fuq l-art

## It-tim tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta jirringrazzja lill-pubbliku talli għen biex jiġu salvati frieħ tal-għasafar tal-baħar li jispiċċaw diżorjentati kaġun ta' tniġġis mid-dawl

Din is-sena kienet waħda rekord għall-frieħ tal-Garnija (Yelkouan Shearwater) miġburin mill-pubbliku wara li spiċċaw maqbudin fuq l-art b'total ta' disa' Garni rikoverati bejn Ġunju u Lulju, tul il-perjodu meta dawn l-għasafar żgħar iħallu l-bejta biex itiru għall-ewwel darba. It-tim tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta jixtieq irodd ħajr lil kull min għen biex dawn il-frieħ jingħataw it-tieni opportunità.

In-numru għoli ta' frieħ tal-Garni maqbudin fuq l-art li nġabru minn BirdLife Malta din is-sena jfisser żieda ta' tnejn meta mqabbel maċ-ċifri tas-sena li għaddiet u dan x'aktarx huwa riżultat tal-appell li għamilna lill-pubbliku f'nofs Ġunju biex jassisti frieħ tal-għasafar tal-baħar li jispiċċaw diżorjentati matul l-istaġun meta jkunu se jtiru għall-ewwel darba. Tul dan il-perjodu, dawn l-għasafar żgħar iħallu l-bejtiet tagħhom fl-irdumijiet matul il-lejl għall-ewwel darba imma d-dwal qawwija mal-kosta jfixkluhom u minflok itiru 'l barra fuq il-baħar uħud minnhom jispiċċaw maqbudin fuq l-art, u jsibu diffikultà biex itiru lura lejn il-baħar.

F'każi bħal dawn, l-għasafar jiġu eżaminati minn veterinarju għal xi ġrieħi li jista' jkun li jkunu sofrew. Imbagħad jiġu riabilitati u ladarba jkunu b'saħħithom biżżejjed biex itiru, jinħelsu. Mid-disat ifrieħ li rċivejna, tmienja inħelsu b'suċċess f'kolonji tal-Garni madwar Malta. B'xorti ħażina għasfur wieħed ma rnexxilux jgħix kaġun tal-feriti li ġarrab meta spiċċa maqbud fuq l-art f'zona urbana.

Fl-istadju tal-bidu tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija, sar studju dettaljat biex jiġu identifikati l-perikli prinċipali li jiffaċċjaw fuq l-art il-popolazzjonijiet tal-Garnija li jbejtu fil-Gżejjer Maltin, fosthom it-tniġġis mid-dawl. Dawn it-tip ta' għasafar huma suxxettibbli li jiġu diżorjentati minħabba d-dwal qawwija fi nħawi żviluppati tul il-kosta, u ż-żgħar tagħhom ikunu vulnerabbli aktar.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

L-attività ta' dawn l-għasafar tal-baħar viċin l-art tiżdied sostanzjalment matul il-lejl meta jirritornaw lura fil-bejtiet tagħhom mill-vjaġġ li jkunu għamlu fuq il-baħar biex ifittxu l-ikel. Dawk li jinqabdu fuq l-art jispiċċaw f'riskju ta' predazzjoni minn qtates, kif ukoll jaħbtu ma' bini jew karozzi, inkella jsofru telf ta' ilma mill-ġisem (deyhdration).

Flimkien mal-Light Pollution Awareness Group, ħdimna biex nanalizzaw il-livelli ta' tniġġis mid-dawl li jaffettwaw il-kolonji tal-Garnija. Inħawi b'livelli għoljin ħafna ta' tniġġis mid-dawl huma l-kaġun tal-parti l-kbira tal-każi fejn frieħ tal-Garnija jispiċċaw diżorjentati. Ħafna minn dawn il-każi jseħħu fil-parti tal-kosta bejn San Pawl il-Baħar u l-Qawra, bejn iċ-Ċirkewwa u l-Armier, u fil-Mellieħa. Matul is-sentejn li ġejjin, it-tim tal-proġett issa se jkun qed jaħdem spalla ma' spalla mal-kunsilli lokali u mas-sidien tal-lukandi u l-istabbilimenti mal-kosta biex jitnaqqsu u jittaffew kemm jista' jkun l-effetti tat-tniġġis mid-dawl.

Issa l-qofol tal-perjodu li matulu dawn il-frieħ iħallu l-bejta biex itiru għall-ewwel darba, għadda. Madanakollu, nappellaw lill-membri tal-pubbliku biex iżommu għajnejhom miftuħin xorta waħda għal għasafar tal-baħar li jistgħu jispiċċaw maqbudin fuq l-art tul ix-xhur li ġejjin hekk kif ikun imiss lill-frieħ taċ-Ċief (Scopoli's Shearwater) li jibdew iħallu l-bejtiet tagħhom biex itiru għall-ewwel darba lejn l-aħħar ta' Settembru u matul Ottubru.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas biex tiftaħ):**

- L-istqarrija bl-appell lill-pubbliku biex jassisti frieħ tal-għasafar tal-baħar li jispiċċaw diżorjentati
- Aqra aktar dwar l-ispeċi u l-proġett fuq is-sit elettroniku tagħna
- Ara l-video uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija


Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/kDsEYaIGjR**

1. Garnija (Ritratt ta' Aron Tanti)
2. Garnija (Ritratt ta' Aron Tanti)
3. Garnija qed jitwaħħlilha ċurkett qabel tinħeles (Ritratt ta' Aron Tanti)
4. Garnija qed tinħeles (Ritratt ta' Aron Tanti)
5. Tniġġis mid-dawl f'Buġibba (Ritratt ta' Paulo Lago)
6. Tniġġis mid-dawl bejn San Pawl il-Baħar u l-Qawra (Ritratt ta' Paulo Lago)

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://youtu.be/cyrCLkq4lMY**

- Filmati ta' Garni li nqabdu fuq l-art wara li spiċċaw diżorjentati qed jinħelsu wara li ġew riabilitati (Filmati ta' Aron Tanti, Paulo Lago, James Crymble u Martin Austad. Muntaġġ ta' Kinga Kupska).

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB